IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 16.11.2026
COM(2026) 621 final

2026/0359 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li temenda tmien Deċiżjonijiet dwar il-konklużjoni ta' Ftehimiet Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u ċerti pajjiżi kandidati u l-Politika Ewropea tal-Viċinat dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni fi programmi tal-Unjoni

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

1.1. Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Bħala parti mill-proċess tat-tkabbir u tal-Politika Ewropea tal-Viċinat (PEV), il-ftuħ ta' ċerti programmi tal-Unjoni Ewropea għall-pajjiżi aderenti, għall-pajjiżi kandidati jew għall-pajjiżi kandidati potenzjali (minn hawn 'il quddiem "pajjiżi kandidati") u għall-pajjiżi tal-Politika Ewropea tal-Viċinat (minn hawn 'il quddiem "pajjiżi tal-PEV") kien waħda mill-ħafna miżuri użati biex jiġu promossi r-riforma, il-modernizzazzjoni, it-tranżizzjoni u l-allinjament gradwali mal-acquis tal-Unjoni minn dawk il-pajjiżi.

Fil-Komunikazzjoni tagħha tal-2006 lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew dwar l-orjentament ġenerali (għall-parteċipazzjoni tal-pajjiżi msieħba fil-Politika Ewropea tal-Viċinat fl-aġenziji u fil-programmi Komunitarji[1], il-Kummissjoni pproponiet li tiġi segwita, *mutatis mutandis*, il-prattika diġà stabbilita fir-rigward tal-pajjiżi aderenti, kandidati u kandidati potenzjali (l-hekk imsejħa "approċċ ta' qafas") użata mill-2002[2] sabiex tippermetti l-parteċipazzjoni tal-pajjiżi tal-PEV fil-programmi Komunitarji ta' dak iż-żmien. Din il-metodoloġija tal-"approċċ ta' qafas" kienet tinkludi żewġ passi ewlenin:

(1) Mal-pajjiżi aderenti, kandidati, kandidati potenzjali jew tal-PEV, l-**ewwel pass** jikkonsisti fil-konklużjoni ta' ftehim li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni biex tiġi permessa tali parteċipazzjoni f'dawk il-programmi tal-Unjoni li għalihom l-att legali li jistabbilihom jippermetti l-parteċipazzjoni tal-pajjiżi aderenti, kandidati, kandidati potenzjali jew tal-PEV. Tali ftehimiet jieħdu l-forma ta' protokoll jew ta' Ftehimiet Qafas (minn hawn 'il quddiem imsejħa Ftehimiet Qafas). Dawn huma adottati mill-Kunsill wara kunsens mill-Parlament u jipprovdu struttura ġenerali u l-modalitajiet ewlenin li jirregolaw il-parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi fil-programmi kkonċernati. Dawn jipprovdu l-bażi legali neċessarja biex l-Unjoni timpenja riżorsi finanzjarji li jikkonċernaw il-parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi fil-programmi, u jippermettu lill-Unjoni titlob il-pagament ta' kontribuzzjoni finanzjarja mill-pajjiż terz ikkonċernat għall-programmi tal-Unjoni li fihom hija stabbilita l-parteċipazzjoni. Huma jistipulaw ukoll li r-regoli finanzjarji u tal-awditjar xierqa tal-Unjoni jridu jiġu rrispettati, u li l-parteċipanti mill-pajjiż terz ikkonċernat, sa fejn ikun possibbli, se jkunu soġġetti għall-istess kundizzjonijiet bħall-parteċipanti mill-Istati Membri. Fihom ukoll dispożizzjoni li tippermetti lill-pajjiż terz ikkonċernat jipparteċipa bħala osservatur fil-kumitati responsabbli għall-implimentazzjoni tal-programmi inkwistjoni għall-punti li jikkonċernaw lil dak il-pajjiż. Fl-aħħar nett, u l-aktar importanti għal din id-deċiżjoni, dawk il-ftehimiet jipprovdu wkoll bażi għall-Kummissjoni u għall-pajjiż terz ikkonċernat biex jaqblu dwar termini u kundizzjonijiet speċifiċi għall-parteċipazzjoni ta' pajjiż terz f'kull programm tal-Unjoni (normalment, din id-dispożizzjoni tinsab fl-Artikolu 5 tal-Ftehimiet Qafas).

---

[1] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew dwar l-orjentament ġenerali għall-parteċipazzjoni tal-pajjiżi msieħba fil-Politika Ewropea tal-Viċinat fl-aġenziji u l-programmi Komunitarji, COM/2006/0724 final.

[2] Ara, il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew tat-3 ta' Diċembru 2003 dwar "it-tħejjija għall-parteċipazzjoni tal-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent fil-programmi u fl-aġenziji Komunitarji", COM(2003)748.

(2) Kif imsemmi hawn fuq, il-Ftehimiet Qafas jipprevedu t-termini u l-kundizzjonijiet speċifiċi rigward il-parteċipazzjoni ta' dak il-pajjiż kandidat jew tal-PEV f'kull programm partikolari li għandhom jiġu ddeterminati fi ftehim bejn il-Kummissjoni Ewropea, li taġixxi f'isem l-Unjoni, u l-pajjiż aderenti, kandidat, kandidat potenzjali jew tal-PEV inkwistjoni. Il-konklużjoni ta' dawk il-ftehimiet vinkolanti bilaterali għall-parteċipazzjoni tal-pajjiż terz fi programm speċifiku tal-Unjoni (minn hawn 'il quddiem Ftehim għal Programm speċifiku tal-Unjoni "ASUP") tikkorrispondi għat-**tieni pass**.

(3) S'issa, l-Unjoni kkonkludiet Ftehimiet Qafas tan-natura msemmija hawn fuq ma' għadd ta' pajjiżi kandidati, kandidati potenzjali u tal-PEV, jiġifieri mal-Albanija[3], mal-Alġerija[4], mal-Armenja[5], mal-Ażerbajġan[6], mal-Bożnija-Ħerzegovina[7], mal-Georgia[8], mal-Ġordan[9], mal-Kosovo[10], mal-Libanu[11], mal-Moldova[12], mal-Montenegro[13], mal-

---

3 Il-Ftehim Qafas bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Albanija dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Albanija fil-programmi Komunitarji, ĠU L 192, 22.7.2005.

4 Il-Protokoll għall-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Alġerija, min-naħa l-oħra, dwar Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Alġerija dwar il-prinċipji ġenerali li jirregolaw il-parteċipazzjoni tar-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Alġerija fil-programmi tal-Unjoni, ĠU L 148, 13.6.2015.

5 Il-Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tal-Armenja, min-naħa l-oħra, dwar Ftehim qafas bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Armenja dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Armenja Fil-programmi tal-Unjoni, ĠU L 174, 13.6.2014.

6 Il-Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn parti waħda, u r-Repubblika tal-Ażerbajġan, mill-parti l-oħra, dwar Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Ażerbajġan dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Ażerbajġan fi programmi tal-Unjoni, ĠU L 19, 24.1.2015.

7 Il-Ftehim Kwadru bejn il-Komunità Ewropea u l-Bożnija-Ħerzegovina dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tal-Bożnija-Ħerzegovina fil-programmi Komunitarji, ĠU L 192, 22.7.2005.

8 Il-Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u l-Ġeorġja, min-naħa l-oħra, li jikkonċerna Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġeorġja, dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tal-Ġeorġja fil-programmi tal-Unjoni, ĠU L 8, 11.1.2014.

9 Il-Protokoll għall-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan, min-naħa l-oħra, fir-rigward ta' Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tar-Renju Ħaxemita tal-Ġordan fil-programmi tal-Unjoni, ĠU L 117, 27.4.2013.

10 Il-Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u l-Kosovo (Dan l-isem huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u huwa konformi mal-UNSCR 1244(1999) u l-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dkjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo.) dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tal-Kosovo fi programmi tal-Unjoni, ĠU L 195, 27.7.2017.

11 Il-Protokoll għall-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tal-Libanu, min-naħa l-oħra, dwar Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Libanu dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Libanu fil-programmi tal-Unjoni, ĠU L 47, 20.2.2015.

12 Il-Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tal-Moldova, min-naħa l-oħra, dwar Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Moldova dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Moldova fil-programmi tal-Unjoni, ĠU L 14, 19.1.2011.

13 Il-Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri fir-rigward tal-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll 8 fuq il-Ftehim ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, fuq in-naħa l-waħda, u r-Repubblika tal-Montenegro, fuq in-naħa l-oħra, dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tal-Montenegro fi programmi tal-Komunità, ĠU L 43, 19.2.2008.

Marokk[14], mal-Maċedonja ta' Fuq[15], mal-Awtorità Palestinjana[16], mas-Serbja[17], mat-Tuneżija[18], mat-Turkija[19] u mal-Ukrajna[20], u ffirmat Ftehim bħal dan ma' Iżrael[21].

(4) L-approċċ f'żewġ stadji deskritt jimplika li l-ASUP għandhom jiġu nnegozjati u konklużi mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 5 tal-Ftehimiet Qafas u għal dak l-għan il-proċedura applikabbli tal-UE għall-adozzjoni tal-ASUP għandha tkun permezz tal-proċedura simplifikata prevista fl-Artikolu 218(7) TFUE.

(5) Madankollu, awtorizzazzjoni espliċita għall-Kummissjoni, abbażi tal-Artikolu 218(7) TFUE, biex tikkonkludi ASUP tinsab biss f'ċerti deċiżjonijiet tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' Ftehimiet Qafas dwar il-prinċipji ġenerali ta' parteċipazzjoni fil-programm tal-Unjoni ma' pajjiżi kandidati, kandidati potenzjali jew tal-PEV, jiġifieri f'dawk relatati mal-protokolli tal-ftehimiet ta' sħubija: mal-Albanija[22], mal-Alġerija[23],

---

14 Il-Protokoll għall-Ftehim Ewro-Mediterranju bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra, dwar ftehim qafas bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tar-Renju tal-Marokk fi programmi tal-Unjoni, ĠU L 90, 28.3.2012.

15 Il-Protokoll dwar il-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa, u dik li qabel kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, min-naħa l-oħra, dwar Ftehim Qafas bejn il-Komunità Ewropea u dik li qabel kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni ta' dik li qabel kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja fi programmi Komunitarji, ĠU L 192, 22.7.2005.

16 Il-Protokoll għall-Ftehim ta' Assoċjazzjoni *Interim* Ewro-Mediterranju dwar kummerċ u kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Organizzazzjoni għal-Liberazzjoni tal-Palestina (PLO) għall-benefiċċju tal-Awtorità Palestinjana tax-Xatt tal-Punent u l-Medda ta' Gaża, min-naħa l-oħra, dwar Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u l-Awtorità Palestinjana tax-Xatt tal-Punent u l-Medda ta' Gaża dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tagħha fil-programmi tal-Unjoni, ĠU L 121, 8.4.2021.

17 Il-Ftehim Qafas bejn il-Komunità Ewropea u s-Serbja u l-Montenegro dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tas-Serbja u l-Montenegro fi programmi Komunitarji, ĠU L 192, 22.7.2005.

18 Il-Protokoll għall-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tat-Tuneżija, min-naħa l-oħra, dwar Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tat-Tuneżija dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tar-Repubblika tat-Tuneżija fil-programmi tal-Unjoni, ĠU L 96, 11.4.2015.

19 Il-Ftehim Kwadru bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tat-Turkija dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tar-Repubblika tat-Turkija fil-programmi tal-Komunità, ĠU L 61, 2.3.2002.

20 Il-Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra, dwar Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ukrajna dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tal-Ukrajna fil-programmi tal-Unjoni, ĠU L 18, 21.1.2011.

21 Protokoll għall-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u l-Istat tal-Iżrael min-naħa l-oħra, dwar qafas ta' Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istat ta' l-Iżrael dwar l-prinċipji ġenerali li jirregolaw il-parteċipazzjoni tal-Istat Iżrael fil-programmi Komunitarji, ĠUL 129, 17.5.2008.

22 Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/524/KE tat-2 ta' Ġunju 2005 dwar il-konklużjoni ta' Ftehim Kwadru bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Albanija dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Albanija fil-programmi Komunitarji, ĠU L 192, 22.7.2005.

23 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/85 tas-16 ta' Jannar 2017 dwar il-konklużjoni tal-Protokoll għall-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika Demokratika Popolari tal-Alġerija, min-naħa l-oħra, dwar Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Demokratika Popolari tal-Alġerija, rigward il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tar-Repubblika Demokratika Popolari tal-Alġerija fil-programmi tal-Unjoni, ĠU L 14, 18.1.2017.

mal-Bożnija-Ħerzegovina[24], mal-Kosovo[25], mal-Libanu[26], mal-Maċedonja ta' Fuq[27], mal-Awtorità Palestinjana[28] , mas-Serbja[29], mat-Tuneżija[30] u mat-Turkija[31].

(6) Min-naħa l-oħra, filwaqt li l-Ftehimiet Qafas mal-Armenja[32], mal-Ażerbajġan[33], mal-Ġordan[34], mal-Georgia[35], mal-Moldova[36], mal-Montenegro[37], mal-Marokk[38] u mal-

---

24 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/525/KE tat-2 ta' Ġunju 2005 dwar il-konklużjoni ta' Ftehim Kwadru bejn il-Komunità Ewropea u l-Bożnija-Ħerzegovina dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tal-Bożnija-Ħerzegovina fil-programmi Komunitarji, ĠU L 192, 22.7.2005.

25 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1388 tas-17 ta' Lulju 2017 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u l-Kosovo (Dan l-isem huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u huwa konformi mal-UNSCR 1244(1999) u l-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo) dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tal-Kosovo fi programmi tal-Unjoni, ĠU L 195, 27.7.2017.

26 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1225 tat-18 ta' Lulju 2016 dwar il-konklużjoni tal-Protokoll għall-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa l-waħda, u r-Repubblika tal-Libanu, min-naħa l-oħra, dwar Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Libanu dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Libanu fil-programmi tal-Unjoni, ĠU L 202, 28.7.2016.

27 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/528 tat-2 ta' Ġunju 2005 dwar il-konklużjoni ta' Protokoll għall-Ftehim ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u dik li qabel kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, min-naħa l-oħra dwar Ftehim Qafas bejn il-Komunità Ewropea u dik li qabel kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni ta' dik li qabel kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja fil-programmi Komunitarji, ĠU L 192, 22.7.2005.

28 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2024/375 tas-16 ta' Jannar 2024 dwar il-konklużjoni tal-Protokoll għall-Ftehim ta' Assoċjazzjoni Interim Ewro-Mediterranju dwar kummerċ u kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Organizzazzjoni għal-Liberazzjoni tal-Palestina (PLO) għall-benefiċċju tal-Awtorità Palestinjana tax-Xatt tal-Punent u l-Medda ta' Gaża, min-naħa l-oħra, dwar Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u l-Awtorità Palestinjana tax-Xatt tal-Punent u l-Medda ta' Gaża dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tagħha fil-programmi tal-Unjoni, ĠU L, 2024/375.

29 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/527/KE tat- 2 ta' Ġunju 2005 dwar il-konklużjoni ta' Ftehim Qafas bejn il-Komunità Ewropea u s-Serbja u l-Montenegro dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tas-Serbja u l-Montenegro fil-programmi Komunitarji, ĠU L 192, 22.7.2005.

30 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/2025 tas-26 ta' Ottubru 2015 dwar il-konklużjoni tal-Protokoll għall-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tat-Tuneżija, min-naħa l-oħra, dwar Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tat-Tuneżija dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tar-Repubblika tat-Tuneżija fil-programmi tal-Unjoni, ĠU L 297, 13.11.2015.

31 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/179/KE tas-17 ta' Diċembru 2001 dwar il-konklużjoni ta' Ftehim Qafas bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tat-Turkija dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tar-Repubblika tat-Turkija fi programmi Komunitarji, ĠU L 61, 2.3.2002.

32 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/347/UE tal-20 ta' Frar 2014 dwar il-konklużjoni ta' Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tal-Armenja, min-naħa l-oħra, dwar Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Armenja dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Armenja fil-programmi tal-Unjoni, ĠU L 174, 13.6.2014.

33 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1210 tat-18 ta' Lulju 2016 dwar il-konklużjoni ta' Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn parti waħda, u r-Repubblika tal-Ażerbajġan, mill-parti l-oħra, dwar Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Ażerbajġan dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Ażerbajġan fi programmi tal-Unjoni, ĠU L 199, 26.7.2016.

34 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/163/UE tat-18 ta' Novembru 2013 dwar il-konklużjoni ta' Protokoll għall-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan, min-naħa l-oħra, fir-rigward ta' Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tar-Renju Ħaxemita tal-Ġordan fil-programmi tal-Unjoni, ĠU L 89, 25.3.2014.

35 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/319/UE tat-12 ta' Mejju 2014 dwar il-konklużjoni tal-Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa

Ukrajna jipprevedu l-istess proċedura għall-konklużjoni tal-ASUP, fid-Deċiżjonijiet tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' dawn il-Ftehimiet Qafas[39] titħalla barra referenza għal awtorizzazzjoni espliċita għall-Kummissjoni, abbażi tal-Artikolu 218(7) tat-TFUE, biex tikkonkludi ASUP.

(7) Sabiex jiġu żgurati ċ-ċertezza legali u t-trasparenza, kif ukoll għal raġunijiet ta' bilanċ istituzzjonali u ta' kooperazzjoni leali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni, huwa neċessarju li jiġu emendati d-Deċiżjonijiet tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehimiet Qafas imsemmija fil-punt 6 bl-effett li tiżdied awtorizzazzjoni espliċita għall-Kummissjoni, abbażi tal-Artikolu 218(7) tat-TFUE, biex jiġu konklużi l-ASUPs ma' dawk il-pajjiżi f'konformità mal-proċedura prevista fl-Artikolu 5 tal-Ftehimiet Qafas.

1.2. Spjegazzjoni tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, din il-proposta għandha l-għan li temenda d-Deċiżjonijiet tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehimiet Qafas mal-Armenja, mal-Ażerbajġan, mal-Georgia, mal-Ġordan, mal-Moldova, mal-Montenegro, mal-Marokk, u mal-Ukrajna dwar il-kundizzjonijiet ġenerali għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni billi żżid awtorizzazzjoni espliċita għall-Kummissjoni, abbażi tal-Artikolu 218(7) tat-TFUE, biex tikkonkludi ASUP.

Fir-rigward tad-Deċiżjonijiet tal-Kunsill ikkonċernati, l-emendi ssuġġeriti huma maħsuba biex jindirizzaw l-ommissjoni msemmija fil-Premessa (6) hawn fuq billi jiddaħħal artikolu li jipprevedi awtorizzazzjoni espliċita għall-Kummissjoni, abbażi tal-Artikolu 218(7) tat-TFUE, biex tikkonkludi ASUP, flimkien mal-premessa ta' sostenn[40]. Barra minn hekk, għal dawk id-

---

l-waħda, u l-Ġeorġja, min-naħa l-oħra, li jikkonċerna Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġeorġja, dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tal-Ġeorġja fil-programmi tal-Unjoni, ĠU L 165, 4.6.2014.

36 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/28/UE tat-12 ta' April 2011 dwar il-konklużjoni ta' Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni li jistabbilixxi sħubija bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tal-Moldova, min-naħa l-oħra, dwar Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Moldova dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Moldova fil-programmi tal-Unjoni, ĠU L 131, 18.5.2011.

37 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/127/KE tat-13 ta' Novembru 2007 dwar l-applikazzjoni proviżorja tal-Protokoll 8 fuq il-Ftehim ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tal-Montenegro, min-naħa l-oħra, dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tal-Montenegro fi programmi tal-Komunità, ĠU L 43, 19.2.2008; Id-Deċiżjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni 2010/224/UE, Euratom tat-29 ta' Marzu 2010 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Montenegro, min-naħa l-oħra, ĠU L 108, 29.4.2010

38 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/170/UE tat-8 ta' Marzu 2012 dwar il-konklużjoni ta' Protokoll għall-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra, fir-rigward ta' Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tar-Renju tal-Marokk fil-programmi tal-Unjoni, ĠU L 90, 28.3.2012.

39 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/290/UE tat-13 ta' Mejju 2011 dwar il-konklużjoni tal-Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni li jistabbilixxi sħubija bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra, fir-rigward ta' Ftehim ta' Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ukrajna dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tal-Ukrajna fil-programmi tal-Unjoni, ĠU L 133, 20.5.2011.

40 F'xi każijiet, bħall-Moldova, l-Artikolu 218(7) tat-TFUE huwa ċċitat bħala bażi legali, madankollu mingħajr ma jkun hemm artikolu, appoġġat minn premessa, li jipprevedi awtorizzazzjoni espliċita għall-Kummissjoni biex tikkonkludi ASUP http://data.europa.eu/eli/dec/2011/283/oj.

Deċiżjonijiet tal-Kunsill li bħalissa ma fihomx referenza għall-Artikolu 218(7) tat-TFUE bħala bażi legali, huwa propost li tiżdied tali referenza.

2. BAŻI LEGALI U GĦAŻLA TA' STRUMENT

2.1. Bażi legali għad-Deċiżjoni proposta

Fid-dawl tal-prinċipju tal- "paralleliżmu tal-forma", il-bażi legali proċedurali xierqa għall-emendar tad-Deċiżjonijiet tal-Kunsill biex jiġu konklużi ftehimiet internazzjonali hija l-Artikolu 218(6) TFUE. Barra minn hekk, peress li xi wħud mill-pajjiżi terzi kkonċernati huma pajjiżi kandidati, it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 218(8) għandu jiġi applikat għall-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni tal-Kunsill.

Filwaqt li kien hemm emendi preċedenti tad-Deċiżjonijiet tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' ftehimiet internazzjonali, ma hemm l-ebda preċedent ta' tali emendi li jikkonsistu fiż-żieda ta' awtorizzazzjoni espliċita għall-Kummissjoni abbażi tal-Artikolu 218(7) tat-TFUE. Madankollu, l-għoti ta' tali awtorizzazzjoni *ex post* fir-rigward ta' ftehimiet li diġà ġew konklużi ma joħloqx kwistjoni ta' ċertezza legali, minħabba li l-effetti tal-emendi proposti joperaw biss fl-Unjoni, mingħajr ebda konsegwenza għar-relazzjoni legali bejn l-Unjoni u l-pajjiżi terzi kkonċernati.

Il-bażi legali sostantiva għad-deċiżjoni emendatorja proposta tal-Kunsill għandha tkun l-Artikolu 212 tat-TFUE biss, irrispettivament mill-bażijiet legali sostantivi għad-deċiżjonijiet tal-Kunsill li għandhom jiġu emendati. Tabilħaqq, id-deċiżjoni proposta tal-Kunsill tirregola biss il-proċedura relatata mal-konklużjoni tal-ASUPs, u għalhekk tikkonċerna l-arranġamenti għal kooperazzjoni bejn l-Unjoni u l-pajjiż terz inkwistjoni, skont it-tifsira tal-Artikolu 212(3) tat-TFUE, li hija maħsuba biex tapplika b'mod orizzontali għall-programmi kollha tal-Unjoni li fihom jipparteċipa dak il-pajjiż terz, indipendentement mis-suġġett ta' dawk il-programmi.

2.2. Għażla tal-istrument

Sabiex jiġi rrispettat il-prinċipju tal-paralleliżmu tal-proċeduri, il-Proposta, li għandha l-għan li temenda ċertu għadd ta' Deċiżjonijiet tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' ftehimiet internazzjonali[41] għandha tieħu l-forma ta' Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li għandha tiġi adottata bil-kunsens tal-Parlament Ewropew.

[41] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2014/347, id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2014/319, id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2011/283, id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2012/176, id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2011/290, id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1210, id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2014/163, id-Deċiżjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni 2010/224/UE, Euratom

2026/0359 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li temenda tmien Deċiżjonijiet dwar il-konklużjoni ta' Ftehimiet Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u ċerti pajjiżi kandidati u l-Politika Ewropea tal-Viċinat dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni fi programmi tal-Unjoni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 212, flimkien mal-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, il-punt (a), l-Artikolu 218(7) u l-Artikolu 218(8), it-tieni subparagrafu, tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew,

Billi:

(1) Ftehim dwar il-parteċipazzjoni ta' pajjiż terz fi Programm speċifiku tal-Unjoni (minn hawn' il quddiem Ftehim għal Programm speċifiku tal-Unjoni) jiddefinixxi t-termini u l-kundizzjonijiet speċifiċi għall-parteċipazzjoni ta' dak il-pajjiż terz fil-programm tal-Unjoni, b'mod partikolari, il-kontribuzzjoni finanzjarja pagabbli kif ukoll il-proċeduri ta' rapportar u ta' evalwazzjoni.

(2) Skont l-approċċ tal- "Ftehimiet Qafas" stabbilit fl-2002[1], l-ASUPs mal-pajjiżi aderenti, kandidati u kandidati potenzjali u l-pajjiżi tal-Politika Ewropea tal-Viċinat ("PEV") huma konklużi abbażi tal-Ftehimiet Qafas li jistabbilixxu l-prinċipji ġenerali li għandhom jiġu segwiti fl-ASUPs kollha. L-ASUPs jissupplimentaw il-Ftehimiet Qafas billi jżidu t-termini u l-kundizzjonijiet speċifiċi rigward il-parteċipazzjoni tal-pajjiż terz ikkonċernat f'kull programm partikolari tal-Unjoni.

(3) Normalment, il-Ftehimiet Qafas u l-ASUPs jiġu konklużi fil-forma ta' ftehimiet internazzjonali vinkolanti sabiex jiġu protetti l-interessi finanzjarji tal-Unjoni u jiġu żgurati impenji legalment vinkolanti li jikkonċernaw il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-pajjiż terz kif ukoll il-kooperazzjoni biex tiġi żgurata ġestjoni finanzjarja tajba tal-fond tal-Unjoni. Konsegwentement, kemm il-Ftehimiet Qafas kif ukoll l-ASUPs huma soġġetti għall-proċedura għall-konklużjoni ta' ftehimiet stabbiliti fl-Artikolu 218 tat-TFUE.

(4) Il-Ftehimiet Qafas kollha, konklużi mal-pajjiżi aderenti, kandidati, kandidati potenzjali jew tal-PEV, jipprevedu li l-ASUP jiġi konkluż mill-Kummissjoni, filwaqt li taġixxi f'isem l-Unjoni, u l-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż terz ikkonċernat, f'konformità mal-Artikolu 5 tal-Ftehim Qafas rilevanti.

[1] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew dwar l-orjentament ġenerali għall-parteċipazzjoni tal-pajjiżi msieħba fil-Politika Ewropea tal-Viċinat fl-aġenziji u l-programmi Komunitarji, COM/2006/0724 final.

(5) Fi ħdan l-Unjoni, din l-istruttura timplika l-użu tal-proċedura simplifikata prevista mill-Artikolu 218(7) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), li permezz tagħha l-Kunsill jista' jawtorizza lill-Kummissjoni biex tapprova, f'isem l-Unjoni, modifiki għall-ftehim, soġġett, skont il-każ, għal kundizzjonijiet speċifiċi li l-Kunsill jista' jehmeż ma' tali awtorizzazzjoni.

(6) L-Unjoni kkonkludiet Ftehimiet Qafas u Protokolli għall-parteċipazzjoni fi programmi tal-Unjoni mal-Albanija[2], mal-Alġerija[3], mal-Armenja[4], mal-Ażerbajġan[5], mal-Bożnija-Ħerzegovina[6], mal-Georgia[7], mal-Ġordan[8], mal-Kosovo[9], mal-Libanu[10], mal-

---

2 2005/517/KE: Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Novembru 2004 dwar l-iffirmar ta' Ftehim Qafas bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Albanija dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Albanija fil-programmi Komunitarji (ĠU L 192, 22.7.2005, p. 1, ĠU L 334M, 12.12.2008, p. 269–270 (MT), ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2005/517/oj).

3 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/85 tas-16 ta' Jannar 2017 dwar il-konklużjoni tal-Protokoll għall-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika Demokratika Popolari tal-Alġerija, min-naħa l-oħra, dwar Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Demokratika Popolari tal-Alġerija, rigward il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tar-Repubblika Demokratika Popolari tal-Alġerija fil-programmi tal-Unjoni (ĠU L 14, 18.1.2017 , p. 2, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2017/85/oj).

4 2014/347/UE: Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Frar 2014 dwar il-konklużjoni ta' Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tal-Armenja, min-naħa l-oħra, dwar Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Armenja dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Armenja fil-programmi tal-Unjoni (ĠU L 174, 13.6.2014, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2014/347/oj.

5 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/105 tal-14 ta' April 2014 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, u l-applikazzjoni provviżorja ta' Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn parti waħda, u r-Repubblika tal-Azerbajġan, mill-parti l-oħra, dwar Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Azerbajġan dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Azerbajġan fi programmi tal-Unjoni (ĠU L 19, 24.1.2015, p. 2, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2015/105/oj).

6 2005/525/KE: Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-2 ta' Ġunju 2005 dwar il-konklużjoni ta' Ftehim Qafas bejn il-Komunità Ewropea u l-Bożnija-Ħerzegovina dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tal-Bożnija-Ħerzegovina fil-programmi Komunitarji (ĠU L 192, 22,7.2005, p. 80, ĠU L 334M, 12.12.2008, p. 350-354 (MT), ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2005/525/oj).

7 2014/7/UE: Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-5 ta' Diċembru 2013 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u l-Ġeorġja, min-naħa l-oħra, li jikkonċerna Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġeorġja, dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tal-Ġeorġja fil-programmi tal-Unjoni (ĠU L 8, 11.1.2014, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2014/7/oj).

8 2014/163/UE: Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Novembru 2013 dwar il-konklużjoni ta' Protokoll għall-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan, min-naħa l-oħra, fir-rigward ta' Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tar-Renju Ħaxemita tal-Ġordan fil-programmi tal-Unjoni (ĠU L 89, 25.3.2014, p. 6, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2014/163/oj).

9 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1388 tas-17 ta' Lulju 2017 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u l-Kosovo (Dan l-isem huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u huwa konformi mal-UNSCR 1244(1999) u l-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo) dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tal-Kosovo fi programmi tal-Unjoni (ĠU L 195, 27.7.2017, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2017/1388/oj).

10 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/268 tas-17 ta' Diċembru 2014 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorjatal-Protokoll għall-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tal-Libanu, min-naħa l-oħra, dwar Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Libanu dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Libanu fil-programmi tal-Unjoni (ĠU L 47, 20.2.2015, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2015/268/oj).

Moldova[11], mal-Montenegro[12], mal-Marokk[13], mal-Maċedonja ta' Fuq[14], mal-Awtorità Palestinjana[15], mas-Serbja[16], mat-Tuneżija[17], mat-Turkija[18] u mal-Ukrajna[19], u ffirmat Ftehim bħal dan ma' Iżrael[20]. Awtorizzazzjoni espliċita għall-Kummissjoni, abbażi tal-Artikolu 218(7) tat-TFUE, biex tikkonkludi Ftehim għal Programm speċifiku tal-Unjoni tinsab biss fid-Deċiżjonijiet tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehimiet Qafas

---

11 2011/283/UE: Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-12 ta' April 2011 dwar il-konklużjoni ta' Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni li jistabbilixxi sħubija bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tal-Moldova, min-naħa l-oħra, dwar Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Moldova dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Moldova fil-programmi tal-Unjoni (ĠU L 131, 18.5.2011, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2011/283/oj).

12 2008/127/KE: Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2007 dwar l-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll 8 fuq il-Ftehim ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tal-Montenegro, min-naħa l-oħra, dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tal-Montenegro fi programmi tal-Komunità (ĠU L 43, 19.2.2008, p. 9, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2008/127(1)/oj).

13 2012/176/UE: Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Marzu 2012 dwar il-konklużjoni ta' Protokoll għall-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra, fir-rigward ta' Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tar-Renju tal-Marokk fil-programmi tal-Unjoni (ĠU L 90, 28.3.2012, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2012/176(1)/oj).

14 2005/528/KE: Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-2 ta' Ġunju 2005 dwar il-konklużjoni ta' Protokoll għall-Ftehim ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u dik li qabel kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, min-naħa l-oħra dwar Ftehim Qafas bejn il-Komunità Ewropea u dik li qabel kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni ta' dik li qabel kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja fil-programmi Komunitarji (ĠU L 192, 22.7.2005, p. 867, ĠU L 334M, 12.12.2008, p. 365(MT), ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2005/528/oj).

15 Il-Protokoll għall-Ftehim ta' Assoċjazzjoni *Interim* Ewro-Mediterranju dwar kummerċ u kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Organizzazzjoni għal-Liberazzjoni tal-Palestina (PLO) għall-benefiċċju tal-Awtorità Palestinjana tax-Xatt tal-Punent u l-Medda ta' Gaża, min-naħa l-oħra, dwar Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u l-Awtorità Palestinjana tax-Xatt tal-Punent u l-Medda ta' Gaża dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tagħha fil-programmi tal-Unjoni (ĠU L 121, 8.4.2021, p. 3, ELI: http://data.europa.eu/eli/prot/2021/570/oj).

16 2005/527/KE: Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-2 ta' Ġunju 2005 dwar il-konklużjoni ta' Ftehim Qafas bejn il-Komunità Ewropea u s-Serbja u l-Montenegro dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tas-Serbja u l-Montenegro fil-programmi Komunitarji, ĠU L 334M, 12.12.2008, p. 360-364 (MT), ĠU L 192, 22.7.2005, p. 84–85, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2005/527/oj

17 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/575 tas-17 ta' Diċembru 2014 dwar l-iffirmar, fl-isem tal-Unjoni, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll għall-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tat-Tuneżija, min-naħa l-oħra, dwar Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tat-Tuneżija dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tar-Repubblika tat-Tuneżija fil-programmi tal-Unjoni (ĠU L 96, 11.4.2015, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2015/575/oj).

18 Il-Ftehim Kwadru bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tat-Turkija dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tar-Repubblika tat-Turkija fil-programmi tal-Komunità (ĠU L 61, 2.3.2002, p. 29, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_internation/2002/179/oj).

19 2011/33/UE: Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Novembru 2010 dwar il-konklużjoni tal-Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni li jistabbilixxi sħubija bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra, fir-rigward ta' Ftehim ta' Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ukrajna dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tal-Ukrajna fil-programmi tal-Unjoni (ĠU L 18, 21.1.2011, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2011/33(1)/oj).

20 Protokoll għall-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u l-Istat tal-Iżrael min-naħa l-oħra, dwar qafas ta' Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istat tal-Iżrael dwar l-prinċipji ġenerali li jirregolaw il-parteċipazzjoni tal-Istat Iżrael fil-programmi Komunitarji, ĠU L 1, 28.3.2012, P. 39.

mal-Albanija[21], mal-Alġerija[22], mal-Bożnija-Ħerzegovina[23], mal-Kosovo[24], mal-Libanu[25], mal-Maċedonja ta' Fuq[26], mal-Awtorità Palestinjana [27], mas-Serbja[28], mat-Tuneżija[29] u mat-Turkija[30].

---

21 2005/524/KE: Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-2 ta' Ġunju 2005 dwar il-konklużjoni ta' Ftehim Qafas bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Albanija dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Albanija fil-programmi Komunitarji (ĠU L 192, 22.7.2005, p. 78 u ĠU L 334M, 12.12.2008, p. 345, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2005/524/oj).

22 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/85 tas-16 ta' Jannar 2017 dwar il-konklużjoni tal-Protokoll għall-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika Demokratika Popolari tal-Alġerija, min-naħa l-oħra, dwar Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Demokratika Popolari tal-Alġerija, rigward il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tar-Repubblika Demokratika Popolari tal-Alġerija fil-programmi tal-Unjoni (ĠU L 14, 18/01/2017, p. 2, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2017/85/oj).

23 2005/525/KE: Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-2 ta' Ġunju 2005 dwar il-konklużjoni ta' Ftehim Qafas bejn il-Komunità Ewropea u l-Bożnija-Ħerzegovina dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tal-Bożnija-Ħerzegovina fil-programmi Komunitarji (ĠU L 192, 22,7.2005, p. 80 u ĠU L 334M, 12.12.2008, p. 350, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2005/525/oj).

24 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1388 tas-17 ta' Lulju 2017 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u l-Kosovo (Dan l-isem huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u huwa konformi mal-UNSCR 1244(1999) u l-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo) dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tal-Kosovo fi programmi tal-Unjoni (ĠU L 195, 27.7.2017, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2017/1388/oj).

25 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1225 tat-18 ta' Lulju 2016 dwar il-konklużjoni tal-Protokoll għall-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa l-waħda, u r-Repubblika tal-Libanu, min-naħa l-oħra, dwar Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Libanu dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Libanu fil-programmi tal-Unjoni (ĠU L 202, 28.7.2016, p. 3, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2016/1225/oj).

26 2005/528/KE: Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-2 ta' Ġunju 2005 dwar il-konklużjoni ta' Protokoll għall-Ftehim ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u dik li qabel kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, min-naħa l-oħra dwar Ftehim Kwadru bejn il-Komunità Ewropea u dik li qabel kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni ta' dik li qabel kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja fil-programmi Komunitarji (ĠU L 192, 22.7.2005, p. 86 u ĠU L 334M, 12.12.2008, p. 365, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2005/528/oj).

27 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2024/375 tas-16 ta' Jannar 2024 dwar il-konklużjoni tal-Protokoll għall-Ftehim ta' Assoċjazzjoni Interim Ewro-Mediterranju dwar kummerċ u kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Organizzazzjoni għal-Liberazzjoni tal-Palestina (PLO) għall-benefiċċju tal-Awtorità Palestinjana tax-Xatt tal-Punent u l-Medda ta' Gaża, min-naħa l-oħra, dwar Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u l-Awtorità Palestinjana tax-Xatt tal-Punent u l-Medda ta' Gaża dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tagħha fil-programmi tal-Unjoni (ĠU L, 2024/375, 22.1.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/375/oj).

28 2005/527/KE: Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-2 ta' Ġunju 2005 dwar il-konklużjoni ta' Ftehim Qafas bejn il-Komunità Ewropea u s-Serbja u l-Montenegro dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tas-Serbja u l-Montenegro fil-programmi Komunitarji (ĠU L 334M, 12.12.2008, p. 360 u ĠU L 192, 22.7.2005, p. 84, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2005/527/oj).

29 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/2025 tas-26 ta' Ottubru 2015 dwar il-konklużjoni tal-Protokoll għall-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tat-Tuneżija, min-naħa l-oħra, dwar Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tat-Tuneżija dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tar-Repubblika tat-Tuneżija fil-programmi tal-Unjoni (ĠU L 297, 13.11.2015, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2015/2025/oj).

30 2002/179/KE: Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2001 dwar il-konklużjoni ta' Ftehim Qafas bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tat-Turkija dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tar-Repubblika tat-Turkija fi programmi Komunitarji (ĠU L 61, 2.3.2002, p. 27, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2002/179/oj).

(7) Minkejja l-fatt li dawn il-Ftehimiet Qafas kollha ma' pajjiżi kandidati, kandidati potenzjali u tal-PEV jipprevedu f'termini identiċi għall-ASUPs li għandhom jiġu miftiehma bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż terz ikkonċernat, id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehimiet Qafas mal-Armenja, l-Azerbajġan, il-Ġeorġja, il-Ġordan, il-Montenegro, il-Moldova, il-Marokk u l-Ukrajna, jonqsu milli jipprevedu awtorizzazzjoni espliċita għal dak l-għan, abbażi tal-Artikolu 218(7) tat-TFUE.

(8) Sabiex jiġu żgurati ċ-ċertezza legali u t-trasparenza, kif ukoll għal raġunijiet ta' bilanċ istituzzjonali u ta' kooperazzjoni leali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni, huwa neċessarju li jiġu emendati d-Deċiżjonijiet tal-Kunsill imsemmija fil-Premessa (7) bl-effett li tiżdied awtorizzazzjoni espliċita għall-Kummissjoni, abbażi tal-Artikolu 218(7) tat-TFUE, biex jiġi konkluż ASUP.

(9) Barra minn hekk, għal raġunijiet ta' ċertezza legali, għal dawk id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill li bħalissa ma fihomx referenza għall-Artikolu 218(7) tat-TFUE bħala bażi legali, jenħtieġ li tiżdied referenza bħal din.

(10) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni 2010/224/UE, Euratom[31], id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/283/UE[32], id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/290/UE[33], id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/176/UE[34], , id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/163/UE[35], id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/319/UE[36], id-Deċiżjoni tal-Kunsill

---

31 2010/224/UE, Euratom: Id-Deċiżjoni tal-Kunsill u l-Kummissjoni tad-29 ta' Marzu 2010 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Montenegro, min-naħa l-oħra (ĠU L 108, 29.4.2010, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2010/224/oj).

32 2011/283/UE: Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-12 ta' April 2011 dwar il-konklużjoni ta' Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni li jistabbilixxi sħubija bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tal-Moldova, min-naħa l-oħra, dwar Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Moldova dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Moldova fil-programmi tal-Unjoni (ĠU L 131, 18.5.2011, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2011/283/oj).

33 2011/290/UE: Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Mejju 2011 dwar il-konklużjoni tal-Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni li jistabbilixxi sħubija bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra, fir-rigward ta' Ftehim ta' Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ukrajna dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tal-Ukrajna fil-programmi tal-Unjoni (ĠU L 133, 20.5.2011, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2011/290/oj).

34 2012/176/UE: Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Marzu 2012 dwar il-konklużjoni ta' Protokoll għall-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra, fir-rigward ta' Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tar-Renju tal-Marokk fil-programmi tal-Unjoni (ĠU L 90, 28.3.2012, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2012/176(1)/oj).

35 2014/163/UE: Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Novembru 2013 dwar il-konklużjoni ta' Protokoll għall-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan, min-naħa l-oħra, fir-rigward ta' Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tar-Renju Ħaxemita tal-Ġordan fil-programmi tal-Unjoni (ĠU L 89, 25.3.2014, p. 6 ,ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2014/163/oj).

36 2014/319/UE: Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Mejju 2014 dwar il-konklużjoni tal-Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u l-Ġeorġja, min-naħa l-oħra, li jikkonċerna Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġeorġja, dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tal-Ġeorġja fil-programmi tal-Unjoni (ĠU L 165, 4.6.2014, p. 16, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2014/319/oj).

2014/347/UE[37] u d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1210[38], dwar il-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Armenja, l-Ażerbajġan, il-Georgia, il-Ġordan, il-Moldova, il-Montenegro, il-Marokk u l-Ukrajna, rispettivament, jiġu emendati kif xieraq.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni (UE) 2014/347 hija emendata kif ġej:

(1) Il-viża fuq il-bażi legali hija sostitwita b'dik li ġejja:

"Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 114, 168, 169 u 172, l-Artikolu 173(3), u l-Artikoli 188 u 192, flimkien mal-Artikolu 218(6)(a), u l-Artikolu 218(7) tiegħu,".

(2) Jiddaħħal l-Artikolu 1a li ġej:

"Artikolu 1a

B'dan, il-Kummissjoni hija awtorizzata tikkonkludi, f'isem l-Unjoni, ftehim mal-Armenja li jiddetermina t-termini u l-kundizzjonijiet speċifiċi applikabbli għall-parteċipazzjoni tal-Armenja fi kwalunkwe programm partikolari, inkluża l-kontribuzzjoni finanzjarja pagabbli. Il-Kummissjoni għandha żżomm lill-grupp ta' ħidma rilevanti tal-Kunsill informat.".

Artikolu 2

Id-Deċiżjoni (UE) 2014/319 hija emendata kif ġej:

(1) Il-viża fuq il-bażi legali hija sostitwita b'dik li ġejja:

"Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 212, flimkien mal-Artikolu 218(6)(a), mal-Artikolu 218(8), it-tieni subparagrafu, u mal-Artikolu 218(7) tiegħu,".

(2) Jiddaħħal l-Artikolu 1a li ġej:

"Artikolu 1a

B'dan, il-Kummissjoni hija awtorizzata tikkonkludi, f'isem l-Unjoni, ftehim mal-Georgia li jiddetermina t-termini u l-kundizzjonijiet speċifiċi applikabbli għall-parteċipazzjoni tal-Georgia fi kwalunkwe programm partikolari, inkluża l-kontribuzzjoni finanzjarja pagabbli. Il-Kummissjoni għandha żżomm lill-grupp ta' ħidma rilevanti tal-Kunsill informat.".

---

[37] 2014/347/UE: Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Frar 2014 dwar il-konklużjoni ta' Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tal-Armenja, min-naħa l-oħra, dwar Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Armenja dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Armenja fil-programmi tal-Unjoni (ĠU L 174, 13.6.2014, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2014/347/oj).

[38] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1210 tat-18 ta' Lulju 2016 dwar il-konklużjoni ta' Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn parti waħda, u r-Repubblika tal-Ażerbajġan, mill-parti l-oħra, dwar Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Ażerbajġan dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Ażerbajġan fi programmi tal-Unjoni (ĠU L 199, 26.7.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2016/1210/oj).

Artikolu 3

Id-Deċiżjoni 2011/283/UE hija emendata kif ġej:

(1) Il-viża fuq il-bażi legali hija sostitwita b'dik li ġejja:

"Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 114, 168, 169, 172, 173(3), 188 u 192, flimkien mal-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, il-punt (a), u l-Artikolu 218(7) tiegħu,".

(2) Jiddaħħal l-Artikolu 1a li ġej:

"Artikolu 1a

B'dan, il-Kummissjoni hija awtorizzata tikkonkludi, f'isem l-Unjoni, ftehim mal-Moldova li jiddetermina t-termini u l-kundizzjonijiet speċifiċi applikabbli għall-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Moldova fi kwalunkwe programm partikolari, inkluża l-kontribuzzjoni finanzjarja pagabbli. Il-Kummissjoni għandha żżomm lill-grupp ta' ħidma rilevanti tal-Kunsill informat.".

Artikolu 4

Id-Deċiżjoni 2012/176/UE hija emendata kif ġej:

(1) Il-viża fuq il-bażi legali hija sostitwita b'dik li ġejja:

"Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 217, flimkien mal-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, il-punt (a), mal-Artikolu 218(8), it-tieni subparagrafu, u mal-Artikolu 218(7) tiegħu,".

(2) Jiddaħħal l-Artikolu 1a li ġej:

"Artikolu 1a

B'dan, il-Kummissjoni hija awtorizzata tikkonkludi, f'isem l-Unjoni, ftehim mal-Marokk li jiddetermina t-termini u l-kundizzjonijiet speċifiċi applikabbli għall-parteċipazzjoni tar-Renju tal-Marokk fi kwalunkwe programm partikolari, inkluża l-kontribuzzjoni finanzjarja pagabbli. Il-Kummissjoni għandha żżomm lill-grupp ta' ħidma rilevanti tal-Kunsill informat.".

Artikolu 5

Id-Deċiżjoni 2011/290/UE hija emendata kif ġej:

(1) Il-viża fuq il-bażi legali hija sostitwita b'dik li ġejja:

"Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 114, 168, 169, 172, 173(3), 188 u 192, flimkien mal-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, il-punt (a), u l-Artikolu 218(7) tiegħu,".

(2) Jiddaħħal l-Artikolu 1a li ġej:

"Artikolu 1a

B'dan, il-Kummissjoni hija awtorizzata tikkonkludi, f'isem l-Unjoni, ftehim mal-Ukrajna li jiddetermina t-termini u l-kundizzjonijiet speċifiċi applikabbli għall-parteċipazzjoni tal-Ukrajna fi kwalunkwe programm partikolari, inkluża l-kontribuzzjoni finanzjarja pagabbli. Il-Kummissjoni għandha żżomm lill-grupp ta' ħidma rilevanti tal-Kunsill infurmat.".

Artikolu 6

Id-Deċiżjoni (UE) 2016/1210 hija emendata kif ġej:

(1) Il-viża fuq il-bażi legali hija sostitwita b'dik li ġejja:

"Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 212, flimkien mal-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, il-punt (a), u mal-Artikolu 218(7) tiegħu,".

(2) Jiddaħħal l-Artikolu 1a li ġej:

"Artikolu 1a

B'dan, il-Kummissjoni hija awtorizzata tikkonkludi, f'isem l-Unjoni, ftehimmar-Repubblika tal-Ażerbajġan li jiddetermina t-termini u l-kundizzjonijiet speċifiċi applikabbli għall-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Ażerbajġan fi kwalunkwe programm partikolari, inkluża l-kontribuzzjoni finanzjarja pagabbli. Il-Kummissjoni għandha żżomm lill-grupp ta' ħidma rilevanti tal-Kunsill informat.".

Artikolu 7

Id-Deċiżjoni (UE) 2014/163 hija emendata kif ġej:

(1) Il-viża fuq il-bażi legali hija sostitwita b'dik li ġejja:

"Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 217, flimkien mal-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, il-punt (a), mal-Artikolu 218(8), it-tieni subparagrafu, u mal-Artikolu 218(7) tiegħu,".

(2) Jiddaħħal l-Artikolu 1a li ġej:

"Artikolu 1a

B'dan, il-Kummissjoni hija awtorizzata tikkonkludi, f'isem l-Unjoni, ftehim mar-Renju Ħaxemita tal-Ġordan li jiddetermina t-termini u l-kundizzjonijiet speċifiċi applikabbli għall-parteċipazzjoni tar-Renju Ħaxemita tal-Ġordan fi kwalunkwe programm partikolari, inkluża l-kontribuzzjoni finanzjarja pagabbli. Il-Kummissjoni għandha żżomm lill-grupp ta' ħidma rilevanti tal-Kunsill informat.".

Artikolu 8

Id-Deċiżjoni 2010/224/UE, Euratom hija emendata kif ġej:

(1) Il-viża fuq il-bażi legali hija sostitwita b'dik li ġejja:

"Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 217, flimkien mal-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, il-punt (a), mal-Artikolu 218(8), it-tieni subparagrafu, u mal-Artikolu 218(7) tiegħu,".

(2) Jiddaħħal l-Artikolu 3a li ġej:

"Artikolu 3a

Fil-qafas tal-Protokoll 8 tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Montenegro, min-naħa l-oħra, b'dan il-Kummissjoni hija awtorizzata tikkonkludi, f'isem l-Unjoni, ftehim mar-Repubblika tal-Montenegro li jiddetermina t-termini u l-kundizzjonijiet speċifiċi applikabbli għall-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Montenegro fi kwalunkwe programm partikolari, inkluża l-kontribuzzjoni finanzjarja

pagabbli. Il-Kummissjoni għandha żżomm lill-grupp ta' ħidma rilevanti tal-Kunsill informat.".

Artikolu 9

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President